II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 757/2014

tal-10 ta' Lulju 2014

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]) ta' Dwana, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness hija kklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Kaxxa tal-azzar b'dimensjonijiet ta' madwar 22,5 × 16,5 × 5,5 cm, b'ħajt ta' ħxuna ta' iktar minn 0,5 mm u ta' kapaċità ta' inqas minn 50 l. Il-kaxxa għandha għatu mwaħħal permezz ta' ċappetti u sistema ta' għeluq fuq in-naħa l-oħra taċ-ċappetti. Min-naħa tas-sistema ta' għeluq il-kaxxa għandha manku. Fuq l-għatu u fil-qiegħ tal-kaxxa hemm enfasi ta' immaġni ta' gallettini u annimali tal-kartuns. Il-kaxxa ma għandha l-ebda parti interna. Ara r-ritratti A u B (*)	7326 90 98	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tal-kliem tal-kodiċi NM 7326, 7326 90 u 7326 90 98. Meta jitqiesu l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, inkluż l-intern sempliċi u d-daqs żgħir tiegħu, il-prodott mhuwiex ikkunsidrat bħala valiġġa, executive-case jew briefcase tal-intestatura 4202. Il-prodott ma għandux forma speċjali jew parti interna biex iżżomm għodod partikolari bl-aċċessorji tagħhom jew mingħajrhom (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 4202, it-tielet paragrafu). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 4202 hija għalhekk eskluża. Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, jiġifieri n-nuqqas ta' kull element li jippermetti li jiġi identifikat bħala pakkett għal bejgħ adegwat għal prodotti tal-konsumatur speċifiċi, il-klassifikazzjoni tal-prodott bħala kaxxa taħt l-intestatura 7310 hija eskluża wkoll (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 7310, it-tieni paragrafu). Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7326 90 98 bħala oġġetti oħra tal-ħadid jew tal-azzar.

(*) L-istampi huma biss għal finijiet ta' informazzjoni.



A



B